StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

## IT-TIELET SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**1. Aqta' l-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1.1 | *l-Isqof* | *l-Inkwiżitur* | ~~*il-Ħakem tal-Imdina*~~ | *Il-Gran Mastru* |
| 1.2 | Il-Berġa ta' Kastilja | Il-Berġa t'Aragona | Il-Berġa tar-Russja | Il-Berġa tal-Italja |
| 1.3 | Mondion | Valperga | Firenzuola | Caravaggio |
| 1.4 | La Cassiére | Cotoner | Duzina | Perellos |
| 1.5 | Forti Chambray | Forti Sant'Anġlu | Forti Sant'Jiermu | Forti San Mikiel |
| 1.6 | galera | vaxxel | galjun | katamaran |
| 1.7 | Tas-Sliema | Bormla | L-Isla | Il-Birgu |
| 1.8 | it-tkabbir tal-qoton | l-industrija tas-sibi | it-turiżmu | it-tarzna |
| 1.9 | arkużin | *buonavoglia* | bidwi | qalfat |

**(Total: 8 marki)**

**2. Kompli dawn biex tifforma sentenzi dwar il-ħakma tal-Kavallieri f'Malta.**

2.1 Wara li rebħu l-Assedju l-Kbir, il-Kavallieri bnew ______________________ (1)

2.2 It-toroq ewlenin tal-Belt Valletta nbnew għamla ta' ______________________ (1)

2.3 Il-Mandraġġ tħaffer biex iservi ta' ______________________ (1)

2.4 Il-bereġ kienu ______________________ (1)

2.5 Is-*Sacra Infermeria* kienet ______________________ (1)

2.6 Is-sibi kien importanti għall-Maltin għax ______________________ (1)

2.7 Il-Lazzarett kien sptar ______________________ (1)

2.8 Fl-1693 kien sar terremot qawwi li ______________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors A**



**Sors B**

3.1 Sors A u B juru binjiet li jinsabu fil- ____________________ (1)

3.2 L-arkitett mibgħut mill-Papa li għamel il-pjanta ta' din il-belt kien ____________ (1)

3.3 Semmi **żewġ** vantaġġi strateġiċi li kellha din il-belt mibnija minn dan l-arkitett.

____________________

____________________ (2)

3.4.1 Sors A juri parti mis- __________ li jdawru din il-belt. (1)

3.4.2 X'tinnota dwar il-binja tagħhom? Għaliex dawn kienu meqjusa bħala difiża tajba għal dak iż-żmien?

____________________

____________________

____________________ (3)

3.5.1 Sors B juri knisja importanti. Min kien il-perit Malti li bnieha? __________ (1)

3.5.2 Kif inhi magħrufa din il-knisja llum? ____________________ (1)

3.5.3 Għaliex fi żmien il-Kavallieri din kienet meqjusa bħala 'Knisja Konventwali'?

____________________

____________________ (2)

3.5.4 Semmi artist barrani li sebbaħ din il-knisja minn ġewwa. __________ (1)

3.5.5 Semmi eżempju ta' xi xogħol artistiku li nsibu f'din il-knisja.

____________________ (1)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3.6 Għaliex il-Belt Valletta għadha importanti llum?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

**(Total: 16-il marka)**

**4. Ħares lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors C**



**Sors D**

4.1 Sorsi C u D għandhom x'jaqsmu mad- __________________ tal-Gżejjer Maltin fi żmien il-Kavallieri. (1)

4.2.1 Sors C juri l-Forti __________________ li nbena fil-ponta tal-Belt Valletta. (1)

4.2.2 Dan il-forti nbena (QABEL / WARA) l-Assedju l-Kbir. (1)

4.2.3 Għaliex dan il-forti nbena f'dan il-post?

______________________________________________________________ (1)

4.2.4 X'kien ġralu dan il-forti matul l-Assedju l-Kbir?

______________________________________________________________ (1)

4.3.1 Sors D juri t-Torri ta' (*Lascaris* - *Cotoner* - *de Paule* - *Wignacourt*) li nbena f'(*Wied il-Għajn* - *San Pawl il-Baħar* - *Wied iż-Żurrieq* - *Għajn Tuffieħa*). (2)

4.3.2 X'kien l-għan li għalih inbena dan it-torri?

______________________________________________________________ (1)

4.3.3 X'rabta kien hemm bejn dan it-torri u s-suldati tad-dejma?

______________________________________________________________ (1)

4.3.4 Xi snin ilu dan it-torri kien restawrat minn għaqda nongovernattiva. X'jisimha din l-għaqda?

______________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4.4. Għaliex inizjattivi bħal dawn huma utli għall-ekonomija ta' Malta?

______________________________________________________________

4.5 X'kien għamel il-Gran Mastru De Redin biex isaħħaħ id-difiża ta' Malta mill-għadu?

______________________________________________________________ (2)

4.6 Semmi forti oħra mibnija mill-Kavallieri li kienet tħares l-inħawi tal-portijiet.

______________________________________________________________ (1)

4.7.1 Liema kienet il-fortifikazzjoni ewlenija f'Għawdex fi żmien il-Kavallieri?

______________________________________________________________ (1)

4.7.2 X'periklu kellhom dawk l-Għawdxin li kien ikollhom jaqsmu l-fliegu lejn Malta fi żmien il-Kavallieri?

______________________________________________________________ (1)

**(Total: 16-il marka)**

**5. Agħżel billi timmarka [✓] f'KOLONNA A jew f'KOLONNA B il-ġrajja li seħħet l-ewwel minnhom it-tnejn. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | Kolonna A | | Kolonna B | |
|---|---|---|---|---|
| 5.1 | *L-Imperatur Karlu V ta l-Gżejjer Maltin lill-Kavallieri.* | | *Il-Kavallieri tkeċċew minn Rodi.* | ✓ |
| 5.2 | Il-Kavallieri bnew l-Forti Sant'Jiermu. | | Il-Kavallieri waslu Malta u marru joqogħdu fil-Birgu. | |
| 5.3 | Il-Kavallieri u l-Maltin rebħu l-Assedju l-Kbir. | | Il-Kavallieri bdew jibnu l-Belt Valletta. | |
| 5.4 | Il-Kavallieri qegħdu l-ewwel ġebla tal-Belt Valletta. | | Miet il-Gran Mastru La Vallette. | |
| 5.5 | Il-Kavallieri tkeċċew mill-Gżejjer Maltin. | | Napuljun ħa f'idejh il-Ġżejjer Maltin. | |
| 5.6 | Il-perit Franċiż Mondion wasal Malta. | | Nbena t-Teatru Manoel fil-Belt Valletta. | |
| 5.7 | Terremot qawwi laqat lil Malta fl-1693. | | L-Imdina rrestawrata mill-Gran Mastru Vilhena. | |

**(Total: 6 marki)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**6. Aqra dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

'Il-galeri kien ikollhom madwar 28 moqdief fuq kull naħa, kull moqdief kien jinġibed minn ħames ilsiera bilqiegħda ħdejn xulxin fuq bank tal-injam. Ġeneralment il-qaddiefa kienu Misilmin jew ħabsin Insara. Kien hemm oħrajn li kienu jbigħu lilhom infushom biex jaqdfu għal xi snin. Dawn il-qaddiefa voluntiera kienu jissejħu *buonavoglie* u kienu jirċievu bejn 30 u 40 skud bħala ħlas…l-ilsiera Musulmani u l-ħabsin Insara kienu jinżammu marbuta b'katina u ħolqa mal-bank minn sieqhom ix-xellugija. Il-bankijiet tal-qaddiefa bilkemm kienu żewġ piedi wisgħin u sitt piedi twal. Fuq dan l-ispazju ristrett, il-ħames ilsiera kien ikollhom jaqdfu, jieklu, jixorbu u jorqdu.'

**Sors E.** Addattat minn *Knights, Corsairs and Slaves in Malta, An eyewitness account,* Thomas Freller, Malta, 1999, p. 42.

6.1 Dwar liema aspett tal-istorja tal-Kavallieri f'Malta jitratta sors E?

________________________________________ (1)

6.2 Semmi t-**tliet** tipi ta' qaddiefa li jissemmew fis-sors.

______________ ______________ ______________ (3)

6.3 Min kienu l-*buonavoglie*?

________________________________________ (1)

6.4 Għaliex il-*buonavoglie* ma kinux jintrabtu bil-ktajjen mal-bank bħall-qaddiefa l-oħra?

________________________________________ (2)

6.5 Xi jġiegħlek tikkonkludi mis-silta li l-ħajja ta' dawn il-qaddiefa xejn ma kienet tajba?

________________________________________

________________________________________ (2)

6.6 Għaliex il-Kavallieri kienu jżommu għadd ġmielu ta' lsiera f'Malta?

________________________________________ (2)

6.7 Kif kienu jsibu ruħhom f'Malta dawn l-ilsiera?

________________________________________ (1)

**(Total: 12-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**7. Ħares lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha dwarhom.**



**Sors F**



**Sors G**

7.1 Ma' liema żmien fl-istorja ta' Malta għandhom x'jaqsmu sors F u G?

______________________________________________ (1)

7.2 Sors F juri l-Ġeneral Franċiż ____________________ nieżel l-art fil-Port il-Kbir. (1)

7.3 Min taħseb li kienu dawk in-nies li jidhru qed jilqgħuh?

______________________________________________ (1)

7.4 Xi skuża ġab dan il-ġeneral biex ikun jista' jidħol fil-Port il-Kbir?

______________________________________________ (1)

7.5 Min kien il-Gran Mastru li mexxa lill-Kavallieri f'dak iż-żmien? ____________________ (1)

7.6 X'ġara mill-Kavallieri ftit ġranet wara li seħħet din il-ġrajja?

______________________________________________ (1)

7.7 Min kien il-patrijott Malti ta' dak iż-żmien li jidher f'sors G? ____________________ (1)

7.8 X'involviment kellu dan il-persunaġġ fil-ġrajjiet li kienu qed iseħħu f'Malta f'dak iż-żmien?

______________________________________________ (2)

7.9 X'taħseb li seta' kien fiha l-ittra li tidher fis-sors miktuba bl-idejn minn dan il-persunaġġ?

______________________________________________ (2)

7.10.1 X'għamlu l-Maltin fit-2 ta' Settembru 1798?

______________________________________________ (1)

7.10.2 X'ġara mill-Franċiżi li kien hawn f'Malta bejn Settembru 1798 u Settembru 1800?

______________________________________________ (2)

**(Total: 14-il marka)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**8. Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi u ikteb fit-tul dwarha.**

8.1 X'kienet l-Inkwiżizzjoni? Kif u għaliex daħlet f'Malta? X'effett ħalliet fuq il-ħajja tal-Maltin?

8.2 Agħżel **erbgħa** minn dawn u ikteb paragrafu fuq kull wieħed:

(a) Il-Belt Valletta bħala ċentru amministrattiv, kulturali u kummerċjali
(b) L-importanza tal-Birgu bħala belt marittima fi żmien il-Kavallieri
(c) Ir-restawr tal-Imdina mill-Gran Mastru de Vilhena
(d) Xi karatteristiċi ewlenin tar-raħal antik Malti
(e) L-Akwidott ta' Wignacourt

8.3 X'fortifikazzjonijiet bnew il-Kavallieri biex iħarsu l-portijiet ewlenin u x-xtajtiet tal-Gżejjer Maltin mill-għadu?

**(Total: 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers